MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2011

Numru 23/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Silvio Buttigieg**

**2 ta' Novembru 2011**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 23 tas-sena 2009 kontra l-akkużat Silvio Buttigieg, li bih hu ġie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi xi ġranet qabel is-sitta (6) ta' Ġunju, elfejn u ħamsa (2005) u fl-istess 6 ta' Ġunju 2005 Silvio Buttigieg ftiehem ma' Jason Said u persuni oħra biex tiddaħħal illegalment d-droga eroina f'Malta minn barra bil-bahar. Illi hu kellu jmur fl-inħawi tal-Marfa biex jingħata d-droga li kienet tikkonsisti f'erba' pakketti tal-piż ta' 7023.3 grammi. Illi fil-fatt l-istess droga giet impurtata illegalment, kif preċedentement miftiehem, fis-6 ta' Ġunju 2005 u għaddiet għand Silvio

Buttigieg. Illi fortunatament l-istess Silvio Buttigieg ġie interċettat dakinhar stess fil-pussess illegali tad-droga eroina l-Għadira mill-Pulizija. Illi l-istess ammont konsiderevoli ta' droga kien ta' valur inġenti u l-istess droga kienet intiża biex tigi traffikata illegalment f'Malta.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Silvio Buttigieg sar ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika medicina u droga oħra f"Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Silvio Buttigieg ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Talab illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiż-żmien u taħt iċ-ċirkostanzi indikati fl-ewwel kap tal-Att tal-Akkuża Silvio Buttigieg u ċioe` fis-6 ta' Ġunju 2005 kien

miftiehem u għen fl-importazzjoni tad-droga eroina illegalment f'Malta

Illi ma kien hemm ebda liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi Silvio Buttigieg sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tigi importata mediċina perikoluża (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni maħruga taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Silvio Buttigieg, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) u ċioe' meta ma kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett; talab illi jingħamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf, erba' mija u tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiż-żmien u taħt iċ-ċirkostanzi indikati fl-ewwel żewġ kapi tal-att tal-akkuża u ċioe` fis-6 ta' Ġunju 2005 Silvio Buttigieg

kellu fil-pussess illegali tiegħu 7023.3 grammi droga eroina, ammont konsiderevoli, liema  droga kienet intiża biex tiġi traffikata f'Malta. Illi certament l-istess droga ma kinitx għall-użu esklussiv ta' Silvio Buttigieg.

Illi b'għemilu l-imsemmi Silvio Buttigieg, sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina li għaliha tapplika it-Taqsima V tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikolużi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil- liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skont riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklużżiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Silvio Buttigieg, ħati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina li għaliha tapplika it-Taqsima V tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; talab illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi

ikkundannat għall-piena ta’ priġunerija għal għomru u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax -il elf erba’ mija u tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/39) u fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-Ligi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat Silvio Buttigieg, tat-28 t’Ottubru, 2011, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita’ li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih, il-piena li għandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta’ priġunerija għal periodu ta’ erbatax-il sena (14) flimkien ma’ multa ta’ tlettin elf Euro (€30,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta’ ħtija ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) inkluż il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u tal-propjeta` mobbli u mmobbli tal-istess akkużat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum 2 ta’ Novembru, 2011, l-akkużat, mistoqsi jekk hux ħati skond l-Att tal-Akkuża, wieġeb billi stqarr li hu kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tiegħu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-tweġiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-akkużat baqa` jtenni t-tweġiba li hu kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lil Silvio Buttigieg ħati :-

1. talli, xi ġranet qabel is-6 ta' Ġunju, 2005 u fl-istess 6 ta' Gunju, 2005, assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni, u dana skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

2. talli fis-6 ta' Gunju, 2005 importa, ġiegħel li tigi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap.101) u ċioe' meta ma kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

3. talli fis-6 ta' Gunju, 2005 kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina li għaliha tapplika it-Taqsima V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikolużi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikolużi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero' ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-

preżentata b'arrest tal-ħati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bħala mezz għall-fini biex seta' jiġi kommess ir-reat dedott taħt it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża w ghalhekk, ghall-fini tal-konkors tal-pieni, għandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] u **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.05.2003] u oħrajn).

Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f'kazijiet analogi reċentement biex ikun jista' jinżamm certu proporzjon u relativita' fil-piena għal dak li jirrigwarda l-gravita' tar-reat in kwantu l-kwantita' u purita' tad-droga, meta b' mod specjali meta jkun applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101, kif inhu f' dal-każ.

**Semgħet l-ispjegazzjoni dettaljata mogħtija mill-Prosekuzzjoni u mid-difiża kif waslu għall-piena, liema spjegazzjoni l-Qorti kkonfermat eżatt kif ingħatat il-parametri tagħha billi użat il-Matematika minnufih.**

**Iżda dan ma kienx biżżejjed għall-Qorti għaliex l-aspett matematiku waħdu mhux dejjem jista' jwassal għal piena li tkun ġusta. Kull każ għandu storja għalih u għalhekk il-Qorti stess talbet li tisma' lis-Supretendent Norbert Ciappara jixhed bil-ġurament dwar diversi aspetti ta' dan il-każ. Din ix-xhieda kienet strumentali sabiex il-Qorti tkun tista' taċċetta l-piena proposta fir-rikors konġuntiv. Il-Qorti qed tordna li din ix-xhieda titpoġġa f'envelopp li jkun issiġġilat u bil-firma tagħha liema envelopp m'għandux jinfetaħ ħlief bl-awtorita' ta' din il-Qorti jew minn min ikun qiegħed jippresiedi Qorti oħra. Dan qed isir minħabba s-sensitivita' ta' din ix-xhieda u biex ma jkun hemm ebda interferenza f'investigazzjonijiet jew proċeduri oħra li għadhom għaddejin.**

**Rat in-Nota ppreżentata mill-Avukat Ġenerali fil-31 t'Ottubru, 2011 li biha informal ill-Qorti li r-rikors li jindika qbil fuq l-ammissjoni u l-piena ffirmat bejn il-partijiet u ppreżentat quddiem dina l-Onorabbli Qorti sar wara li ġiet ikkunsidrata l-possibilita' tar-riduzzjoni tal-piena b'żewġ gradi in forza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kap 101.**

Peress li, wara li ħadet kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u senjatament l-eta' tal-ħati, l-kondotta ta' qabel tal-ħati, u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reati, **l-elementi kolha msemmija fit-tliet paragrafi preċedenti,** hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri mitluba huma tali li jkun leġittimu illi hija timponi għas-sejbien ta' ħtija għar-reati li dwarhom il-ħati ammetta l-ħtija tiegħu u peress li ma hemmx raġuni oħra skont il-liġi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-ġuri tal-każ, jidher li din il-Qorti għandha tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Ghaldaqstant, wara l qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 26 u 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, (Kap. 101), ir-regolament 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17 (4), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-ħati Silvio Buttigieg għall-piena ta' erbatax-il sena (14) priġunerija, b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull żmien li hu għamel taħt arrest preventiv BISS in konnessjoni ma` dawn ir-reati flimkien ma' multa ta' tlettin elf Euro (€30,000) konvertita fi tmintax –il xahar priġunerija jekk ma jithallsux fi zmien xahar kif ukoll tikkundannah iħallas is-somma ta' sitt mija u sebgħa w disgħin Euro u disgħa w tletin ċenteżmu (€697.39) import tal-ispejjeż peritali a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-ħati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi preżentata fi żmien ħmistax-il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-ispiżjar Mario Mifsud u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni w jġibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------